Nru. 17,559
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 29 ta' Marzu, 2004
Monday, 29th March, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 333

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Marzu, 2004 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 319 tal-25 ta' Marzu, 2004 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Is-26 ta' Marzu, 2004
(OPM 12/2004)

GOVERNMENT NOTICE

No. 333

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Friday, 26th March, 2004 and that the arrangements made by Government Notice No. 319 of 25th March, 2004, ceased to have effect accordingly.

26th March, 2004

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Postijiet ta' *Foreman (Districts Workshop)* fid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u l-Manutenzjoni fit-Taqsima tax-Xogħlijiet

Id-Direttur-Ġenerali (Xogħlijiet) jgħarraf li r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* ta' *Project House,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-29 ta' Marzu, 2004

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Result for the Posts of Foreman (Districts Workshop) in the Construction and Maintenance Department of the Works Division

The Director-General (Works) notifies that the result for the above mentioned posts, has been published and can be seen on the notice-boards at Project House, Works Division, Floriana and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

29th March, 2004

ATT TA' L-1991 DWAR
L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali li ġew inkarigati b'*Writ* biddata tat-23 ta' Marzu, 2004, bil-firma u s-siġill tal-President ta' Malta, biex jagħmlu elezzjoni ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati biex jimtela l-post li tbattal minn Dott. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., għat-Tmien Distrett Elettorali jgħarrfu b'dan illi l-persuni murija hawn taħt ġew nominati validament skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 19 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, jiġifieri:

It-Tmien Distrett Elettorali

ASCIAK MICHAEL E., Tabib
FENECH MARK, Avukat
FENECH MARTIN, Avukat
ZAMMIT MONTEBELLO JOHN, Tabib

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz ta' Dott. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., għat-Tmien Distrett Elettorali skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 21 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali nhar it-Tlieta, it-30 ta' Marzu, 2004, fit-8.00 a.m. fil-Kumpless ta' l-Għadd tal-Voti, Ta' Qali.

Id-29 ta' Marzu, 2004

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Dott. Joseph Mary Buttigieg
Is-Sur Mario Callus
Dott. Ena Cremona
Is-Sur Henry Distefano
Is-Sur Salvu Fenech
Is-Sur Vanni Ganado
Is-Sur Salvu Sant
Is-Sur Tony Sultana

Kummissjonarji Elettorali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

GENERAL ELECTIONS ACT, 1991

Notice

The Electoral Commissioners duly entrusted by a Writ dated 23rd March, 2004, under the hand and seal of the President of Malta, to cause an election of a Member of the House of Representatives to fill the seat vacated by Dr Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., for the Eighth Electoral Division, hereby notify that the following persons have been validly nominated in accordance with the provisions of regulation 19 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act, 1991, viz:

Eighth Electoral Division

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Dr Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., for the Eighth Electoral Division, in accordance with the provisions of regulation 21 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act, 1991, on Tuesday, 30th March, 2004 at 8.00 a.m. at the Counting Hall Complex, Ta' Qali.

29th March, 2004

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Dr Joseph Mary Buttigieg
Mr Mario Callus
Dr Ena Cremona
Mr Henry Distefano
Mr Salvu Fenech
Mr Vanni Ganado
Mr Salvu Sant
Mr Tony Sultana

Electoral Commissioners

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall-*Postgraduate Training Grant*
Dipartiment ta' l-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u Kompjuter

L-Università qed toffri *Postgraduate Training Grant* fil-qasam ta' *Antenna Structures for High Frequency Wideband Applications*. Min jinħatar ikun mistenni li jmexxi riċerka fuq bażi *full-time* jew *part-time* fid-Dipartiment ta' l-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u Kompjuter u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-*grant* ikun offrut għall-bidu għal perjodu ta' sena, suġġett għall-progress posittiv. Min jinħatar jingħata opportunità li jagħmel grad fl-M.Phil fil-oqsma msemmija ta' l-istudji.

2. L-applikanti jrid ikollhom grad tajjeb fl-*Electrical Engineering,* preferibbilment b'esperjenza ta' *high-frequency design* u b'esperjenza fir-riċerka.

3. Il-*grant* marbut ma' dan il-post *full-time* huwa ta' Lm3,600 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae u* kopja waħda taċ-ċertifikati lid-

Direttur tar-Riżorsi Umani
Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
l-Imsida MSD 06

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, il-5 ta' April, 2004.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mingħand Dott. Ing. Carl James Debono fid-Dipartiment ta' l-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u Kompjuter, Tel: 23402076, email: cjdebo@eng.um.edu.mt

It-29 ta' Marzu, 2004

UNIVERSITY OF MALTA

Postgraduate Training Grant
Department of Communications and Computer Engineering

The University is offering a Postgraduate Training Grant in the area of Antenna Structures for High Frequency Wideband Applications. The successful candidate will be required to conduct research on a full-time or part-time basis in the Department of Communications and Computer Engineering and as may be required by the University. The grant will be offered initially for a period of one year subject to sustained positive progress. The candidate will be expected and be given the opportunity to read for an M.Phil degree in the named area of studies.

2. Applicants should have a good first degree in Electrical Engineering, preferably with knowledge of high-frequency design and research experience.

3. The full-time post carries a training grant of Lm3,600 per year.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

The Director of Human Resources
Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 06

Applications should be received by noon of Monday, 5th April, 2004.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from Dr Ing. Carl James Debono at the Department of Communications and Computer Engineering, Tel: 23402076, email: cjdebo@eng.um.edu.mt.

29th March, 2004

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Applikazzjonijiet għall- ***Postgraduate Training Grant***
Dipartiment tal-Mikroelettronika

L-Università qed toffri *Postgraduate Training Grant* fil-qasam ta' *Integrated Circuit Design*. Min jinħatar ikun mistenni li jmexxi riċerka fuq bażi *full-time* fid-Dipartiment tal-Mikroelettronika u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-*grant* ikun offrut għall-bidu għal perjodu ta' sena, suġġett għall-progress pożittiv. Min jinħatar jingħata opportunità li jagħmel grad fl-M.Phil fil-oqsma msemmija ta' l-istudji.

2. L-applikanti jrid ikollhom grad tajjeb fl-*Electrical Engineering,* b'esperjenza ta' *Integrated Circuit design,* u preferibbilment esperjenza fir-riċerka.

3. Il-*grant* marbut ma' dan il-post *full-time* huwa ta' Lm3,600 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae* u kopja waħda taċ-ċertifikati lid-

Direttur tar-Riżorsi Umani
Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
l-Imsida MSD 06

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, il-5 ta' April, 2004.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mingħand il-Prof. Joseph Micallef fid-Dipartiment tal-Mikroelettronika, Tel: 2340 2513, email: jjmica@eng.um.edu.mt

Id-29 ta' Marzu, 2004

UNIVERSITY OF MALTA

Applications forPostgraduate Training Grant
Department of Microelectronics

The University is offering a Postgraduate Training Grant in the area of Integrated Circuit and Microsystem Design. The successful candidate will be required to conduct research on a full-time basis in the Department of Microelectronics and as may be required by the University. The grant will be offered initially for a period of one year subject to sustained positive progress. The candidate will be expected and be given the opportunity to read for an M.Phil degree in the named area of studies.

2. Applicants should have a good first degree in Electrical Engineering, with knowledge of Integrated Circuit Design, and preferably research experience.

3. The post carries a training grant of Lm3,600 per year.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

The Director of Human Resources
Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 06

Applications should be received by noon of Monday, 5th April, 2004.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of the Human Resources, Room 216, Administration Building or from Prof. Joseph Micallef at the Department of Microelectronics, Tel: 2340 2513, email: jjmica@eng.um.edu.mt.

29th March, 2004

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*